# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 10 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 30**

**Citaz. Nru. 871/99GV**

Doc 143-01

**Anthony Mangion**

**Vs**

**Motherwell Bridge Industrial Services Ltd.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-attur kien halla fil-*yard* tas-socjeta' konvenuta '*hull*' ta' '*Ocean going motor sailor*' ta' 42 pied u 14-il pied wiesgha tal-azzar ghall-'*sand blasting*';

Premess illi s-socjeta' konvenuta minhabba nuqqas ta' attenzjoni u bla ebda permess tal-attur qabdet u qattghet u carrtet l-imsemmi '*hull*' waqt li kienet qed tesegwixxi l-inkarigu li kien taha l-attur;

Premess minhabba l-agir negligenti ghal kollox u illegali da parte tas-socjeta' konvenuta l-attur sofra danni konsiderevoli li s-socjeta' konvenuta, nonostante li giet interpellata ma waslitx biex thallsu;

L-attur talab lil din il-Qorti;

1 tiddikjara li s-socjeta' konvenuta responsabbli ghad-danni li sofra l-attur bid-distruzzjoni kompleta tal-imsemmi '*hull*', propjeta' tieghu.

2 tillikwida l-imsemmija danni fil-kaz ta' bzonn per opera ta' periti nominandi.

3 tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata per opera tal-istess periti.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tas-26 ta' Ottubru, 1998, tad-9 ta' Novembru, 1998, tat-18 ta' Frar, 1999 u tal-21 ta' Mejju, 1999 u bl-imghax skond il-ligi kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur a. fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Motherwell Bridge Industrial Services Ltd. A fol. 9 tal-process fejn eccepiet:

1 Illi preliminarjament ma tezisti ebda relazzjoni gurudika ma l-attur stante li kwalsiasi ftehim sar mal-kumpanija Motherwell Bridge Industrial Services Ltd.

2 Illi subordinatament, trid issir prova li l-attur kien il-propjetarju de quo tal-qafas tad-daghjsa in kwistjoni.

3 Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit il-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-artikolu 2153 tal-Kap. 16

4 Illi subordinatament, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-qafas gie abbandunat mill-attur fil-fabbrika tal-kumpanija konvenuta ghal diversi snin u b'hekk l-kumpanija konvenuta ma tistax tinzamm responsabbli ghal dak li gara.

5 Illi f'kaz li din il-Qorti jidhrilha li b'xi mod il-kumpanija konvenuta hija responsabbli ghandha ssir il-prova tal-valur tal-qafas li zgur ma jeccedix l-elf lira (Lm1,000).

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet a fol. 13;

Rat in-nota ta' ecezzjonijiet a fol. 16 tal-process fejn is-socjeta' konvenut eccepiet:

1. Illi preliminarjament trid issir prova li l-attur kien il-propjetarju de quo tal-qafas tad-dghajsa inkwistjoni;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16;

3. Illi subordinatament, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-qafas gie abbandunat mill-attur fil-fabbrika tal-kumpanija konvenuta

ghal diversi snin u b'hekk il-kumpanija konvenuta ma tistax tinzamm responsabbli ghal dak li gara;

4. Illi f'kaz li din il-Qorti jidhrilha li b'xi mod il-kumpanija konvenuta hija responsabbli ghandha ssir il-prova tal-valur tal-qafas li zgur ma jeccediex l-elf lira (Lm1,000);

Rat il-verbal a fol. 26;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li s-socjeta' konvenuta huja responsabbli ghal danni billi ddistruggew *hull* li hu kien halla ghandhom ghal *sand blasting.*

Dwar l-ewwel eccezzjoni saret korrezzjoni awtorizzata mill-Qorti.

It-tieni eccezzjoni giet irtirata (ara fol 26).

**Preskrizzjoni**

Fit-tielet eccezzjoni, il-konvenuti qed jeccepixxu li l-preskrizzjoni a termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 ta' sentejn.

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni.

Il-konvenuti qed jissottomettu li l-*hull* kien ingab ghandhom f'April 1993. Kien tlesta x-xoghol u l-attur abbandunah ghandhom bla ma gabru u ghalhekk huma skrappjawh. Imbaghad fil-1998 l-attur beda jikkorrispondi maghhom biex jitlob id-danni talli huma skrapjaw il-*hull*.

L-attur invece jaghti versjoni totalment differenti. Hu jghid li l-hull kien hadu fi Frar, 1993 (ara fol. 29). Kien sar xoghol fuqu u hallas izda l-*hull* ma kienx ghadu lest ghall kollox u kien jonqos *sandblasting* u zebgha. Fin-1995 rega' mar biex jara f'hiex wasal u sab li ma kienx ghadu lest u Victor Lanzon *Operations Manager* mal-konvenuti kien infurmah li l-*hull* ma kienx ghadu lest u kienu ser iqeghduh fil-gemb. Fi Frar 1998 kien rega' mar ma wiehed Taljan li kien interessat jixtri l-*hull* u sab li apparti li l-*hull* kellu xi *damage*, dan ma kienx ghadu lest. Imbaghad f'Ottubru 1998 kien sar jaf li l-*hul*- kien gie skrappjat f'April tan 1998. Ghalhekk hu beda jikkorrispondi bl-Avukat biex jasal ghal arrangament mal-konvenuti ghal hlas tad danni lilu kagjonati. Billi ma wasalx ghal ftehim mal-konvenuti saret din il-kawza.

Il-konvenuti ghalhekk qed jippretendu li bejn 1993 u 1998 ghaddew sentejn u konsegwentement l-azzjoni attrici hija preskritta.

Illi wara li qieset il-provi prodotti l-Qorti tasal ghal-konkluzzjoni li fil-fatt ix-xoghol li kien ordna l-attur qatt ma kien kompletamanet lest u ghalhekk il-preskrizzjoni ma setghetx tibda tghaddi hlief minn meta l-konvenut sar jaf li l-*hull* kien gie skrappjat u cioe' f'Ottubru 1998. Il-kawza giet prezentata fid-19 ta' April, 1999.

L-attur qatt ma kien awtorizza lill konvenuti biex jiskrappaw il-*hull* u qatt ma wera l-intenzjoni tieghu li jabbanduna l-hull. Anzi hu kien imur fil-fabbrika biex jara f'hiex wasal ix-xoghol u anke kien jaghmel xi xoghol ta' zebgha fuqu. Ix-xhud Zammit Pavia ma kienx f'posizzjoni li jghid li ra x-xoghol komplut fuq il-*hull*, u li l-*hull* kien lest u abbandunat. Lanqas ma ngabet prova li l-konvenuti ppruvaw jikkuntattjaw lill-attur biex jirtira l-*hull* u huma ma rnexxilhomx.

Anke mill-korrispondenza ezibita jirrizulta li l-konvenuti kienu lesti li jirrangaw b'xi mod mal-attur izda ma setghux jiftehmu fuq il-kwantum tal-kumpens jew mod iehor kif setghu jiffinalizzaw il-vertenza bejnithom.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi l-azzjoni attrici mhiex preskritta

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddecidi prevja li tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti tiddifferixxi l-kawza ghal kontinwazzjoni tal-provi ghat-3 ta' Dicembru, 2001. Spejjez ghall konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**